

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-31 ta' Mejju 2013

**dwar miżura meħuda mill-Ġermanja skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva Nru 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Makkinarju li tipprobixxi t-tqegħid fis-suq ta' lupa tat-tip HV 0003 manifatturata minn Regal Tools Co. Ltd**

(notifikata bid-dokument C(2013) 3125)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/260/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

2.3 (c) Brejk awtomatiku:

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva Nru 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup> dwar il-makkinarju u b'mod partikulari l-Artikolu 11 tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva Nru 2006/42/KE, l-awtoritajiet Ġermaniżi nnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'miżura li tipprobixxi t-tqegħid fis-suq ta' lupa tat-tip HV 0003 manifatturata minn Regal Tools Co Ltd., Technology Industrial Park, Chengxin Road 223, Yongkang, iċ-Ċina, u li tiġi importata fl-UE minn Bergner Europe GmbH, Am Seestern 18, 40547 Düsseldorf, il-Ġermanja.
- (2) Ir-raġuni mogħtija mill-awtoritajiet Ġermaniżi kienet in-nuqqas ta' konformità tal-lupa ma' dawn ir-rekwiżiti esenzjali tas-saħħa u s-sikurezza stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva Nru 2006/42/KE (b'referenza għall-ispeċifikazzjonijiet tal-istandard Ewropew armonizzat rilevanti EN ISO 11681-1):

1.3.2. Riskju ta' ħsara waqt it-tħaddim:

Kemm il-maqbad ta' wara, kif ukoll il-maqbad ta' quddiem, tal-lupa, ma għaddewx it-testijiet tas-saħħa stabbiliti fl-istandard Ewropew armonizzat rilevanti (EN ISO 11681-1:2008 – klawżola 5.2.1);

1.7.4. Istruzzjonijiet:

L-istruzzjonijiet ma kinux jinkludu l-isem kummerċjali u l-indirizz sħiħ tal-manifattur (1.7.4.2 a), id-dikjarazzjoni tal-konformità tal-KE (1.7.4.2 c), deskrizzjoni ġenerali tal-makkinarju (1.7.4.2 d), informazzjoni dwar l-emissjonijiet ta' storbju fl-arja (1.7.4.2 u) u informazzjoni dwar il-vibrazzjonijiet trażmessi mill-għoddha (2.2.1.1);

<sup>(1)</sup> ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24.

Il-lupa ma waqfix fi żmien qasir biżżejjed meta l-brejk manwali tal-katina ġie attivat u lanqas fil-kundizzjonijiet li fihom tkun attiva s-sistema ta' brejk tal-katina mhux manwali (EN ISO 11681-1:2008 – klawżoli 5.5.1 u 5.5.2).

- (3) L-awtoritajiet Ġermaniżi indikaw li, filwaqt li l-lupa kellha t-tikketta CE, ma kellhiex dikjarazzjoni tal-konformità tal-KE miktuba u ffurmata mill-manifattur jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu kif meħtieġ skont l-Artikolu 5(1)(e) tad-Direttiva Nru 2006/42/KE. L-awtoritajiet indikaw ukoll li, filwaqt li l-lupi portabbi huma fost il-kategoriji ta' makkinarju elenkti fl-Anness IV tad-Direttiva li għalihom trid tiġi applikata waħda mill-proċeduri ta' verifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 12(3) jew (4), ma nghat farba prova li l-lupa tat-tip HV 0003 kienet għad-diet minn xi proċedura ta' dan it-tip.
- (4) In-notifika kienet akkumpanjata b'rappor ta' spezzjoni li sar minn Deutsche Prüf- und Zertifizierungsstelle für Land- und Forsttechnik GbR.
- (5) Skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11(3) tad-Direttiva Nru 2006/42/KE, il-Kummissjoni kitbet lill-manifattur u lill-importatur, fejn talbithom jikkummentaw dwar il-miżuri meħuda mill-awtoritajiet Ġermaniżi.
- (6) Ma waslet l-ebda tweġiba mill-manifattur. L-importatur għarrraf lill-Kummissjoni li l-bejgħ tal-lupa kien waqaf u li ma baqax jimporta aktar dan it-tip ta' lupa.
- (7) Il-verifikasi tal-evidenza mogħtija mill-awtoritajiet Ġermaniżi tikkonferma li l-lupa tat-tip HV 0003 manifatturata minn Regal Tools Co. Ltd. mhix konformi mar-rekwiżiti esenzjali tas-saħħa u s-sikurezza tad-Direttiva Nru 2006/42/KE u li dan in-nuqqas ta' konformità jwassal għal riskji serji ta' korriente tal-utenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miżura meħuda mill-awtoritajiet Ġermaniżi li tipprobixxi t-tqegħid fis-suq ta' lupa tat-tip HV 0003 manifatturata minn Regal Tools Co. Ltd, hija ġustifikata.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Mejju 2013.

*Għall-Kummissjoni*

Antonio TAJANI

*Viċċi President*

---